MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Numru 330/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)
**vs**
**Joswil Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi; Joswil Galea ta' 24 sena, iben Joseph u Margaret nee' Said, imwieled St.Julians nhar it-13 ta' Awissu 1978, residenti fil-fond numru 1, Villa Santa Maria, Old Railway Street, Balzan u detentur tal-karta ta' l-identita 512978(M).
Talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-22 ta' Ottubru 2002 go ta' l-Ibragg limiti ta' San Giljan, u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,
A) talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' artikolu 8 (a) tal-kap 101 tal-ligijiet ta' Malta,

B) ukoll talli nhar il-21 ta' Ottubru 2002, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

C) Ukoll talli nhar il-21 ta' Ottubru 2002 kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta' Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzatli jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta ta' illum l-akkuzat ametta l-akkuzi migjuba kontrih u dan wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni, issibu hati.
Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mid-difiza u l-prosekuzzjoni.

Rat l-kap 101 artikolu 4 u 6 kif ukoll l-artikolu 22 tal-kap 446.
Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu wara li semghet bil-gurament lil Mary Grace Vella.
Ghalhekk tilliberah taht il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-kap 446, b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mi llum u bil-kundizzjoni li jibqa jimxi fil-program ta’ riabilitazzjoni li diga beda. Il-Qorti qed tfisser lil hati l-import ta’ din is-sentenza.
Il-Qorti tordna l-qerda tad-dokumenti esebiti u qed tahtar lill-Ispizjar Mario Mifsud ghal dan il-ghan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------